MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2007

Numru. 546/2007

PULIZIJA
SPETTUR JESMOND J BORG
VS
SYLVESTER ZAHRA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Sylvester Zahra, ta’ 19-il sena, bin Francis u Mary nee’ Borg, imwieled Pieta’ nhar il-15 t’April 1988 u residenti Flat 1, Block E, Binja Hesri, Siggiewi, u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 207288(M), u akkuzat talli:

(a) fl-24 ta’ Gunju 2007, ghal habta tal-5.30pm, fi Triq Santa Margerita, Siggiewi, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ Warren Bugeja f’periklu car, ikkagunalu griehi ta’ natura gravi fil-gisem jew fis-sahha, skond kif iccertifika Dr. Dorian Xuereb MD, (skond l-Artikolu 214 u 216 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta);

(b) aktar talli saq vettura ta’ l-ghamla Ford Escort bin-numru tar-registrazzjoni LAI 351, minghajr ma kellu

licenzja mahruga mill-Awtoritajiet kompetenti, (skond l-Artikolu 15(1a) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta);
(c) aktar talli saq vettura ta' l-ghamla Ford Escort, bin-numru tar-registrazzjoni LAI 351, minghajr ma kien kopert b'polza tas-sigurta' dwar ir-riskji ta' terzi persuni, (skond l-Artikolu 3 tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta);
(d) aktar talli hebb ghall-persuna ta' Warren Bugeja sabiex jingurjaha, idejjaqha jew jaghmel hsara lil din il-persuna, (skond l-Artikolu 339d tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);
(e) aktar talli waqt li kien qed jaghmel reat, kellu fil-pussess tieghu arma regolari;
(f) aktar talli volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied, (skond l-Artikolu 338dd tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tipprovdi skond l-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghad-detriment ta' Warren Bugeja.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (dok JB3 a fol 19) u tal-imputat (a fol 5) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat (a fol 4).

Semghet il-konferma ta' tali ammissjoni, wara li l-Qorti tat zmien ragjonevoli sabiex l-imputat jirripensa ruhu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, din il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza, u wara li rat l-Artikoli 214, 216, 339d, 339dd, 28A u 28G tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 15(1a) tal-Kap 65, u Artikolu 3 tal-Kap 104, tikkundannah ghal sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin. In oltre,

tqieghdu taht ‘supervision suspended order’ ghal perjodu ta’ tliet snin, taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat. Il-Qorti, di piu’, tordna li l-imputat jigi skwalifikat milli jottjeni licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta’ sentejn.

Din il-piena qed tinghata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatti speci tal-kaz, inkluz l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputat, l-eta’ giovannili tieghu, il-kollaborazzjoni li wera mal-Pulizija u l-fatt illi huwa ‘a first offender’.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------